**Qorti tal-Magistrati (Ghawdex)**
**Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dottor Giovanni Grixti LL.D. LL.M.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Maurice Curmi)**

**- vs -**

**Steve Cutajar**
**Sammy Pace**
**Noel Hili**
**Saviour Azzopardi**
**Abraham Scicluna**
**Larry James Mifsud**
**Joseph Buttigieg**

Illum 13 ta' Lulju 2001

Il-Qorti;

Rat l-akkuzi migjuba kontra:

Steve Cutajar ta' 21 sena, bin William u Patricia nee' Xuereb, imwieled Attard fit-12 ta' Gunju 1979 u joqghod 'Sunflower', Triq il-Gawwi, Ghajnsielem, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 287679(M)

Sammy Pace ta' 21 sena, bin il-mejjet Anthony u Carmen nee' Grima, imwieled Victoria fis-17 ta' Awissu 1979 u joqghod 10, Pjazza il-Madonna ta' Loreto, Ghajnsielem, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 18879(G)

Noel Hili ta' 27 sena, bin Emanuel u Loreta nee' Zerafa, imwieled Victoria fit-13 ta' Dicembru 1972 u joqghod 27, Triq tal-Latini, Ghajnsielem, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 973(G)

Saviour Azzopardi ta' 25 sena, bin Matthew u Antonia nee' Attard, imwieled Victoria fil-21 ta' Settembru 1974 u joqghod 14A, Triq Sant Indrija, Ghajnsielem, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 21474(G)

Abraham Scicluna ta’ 16 il-sena bin Alfred u Adelina nee’ Fenech imwieled Victoria fit-12 ta’ Lulju 1984 u joqghod 1, Triq il-Hamri, Ghajnsielem, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 27184(G)

Larry James Mifsud ta’ 20 sena, bin Mario u Josephine nee’ Xuereb, imwieled Victoria fil-11 ta’ Frar 1980 u joqghod ‘Ave Maria’, 2, Pjazza il-Madonna ta’ Loreto, Ghajnsielem, detentur tal-karta ta’ l-identita’ numru 8380(G)

Joseph Buttigieg ta’ 18 il-sena bin Charles u Elizabeth nee’ Cremona, imwieled l-Awstralja fil-15 ta’ Jannar 1982 u joqghod ‘Buttigieg’, Triq Malta, Ghajnsielem, detentur tal-karta ta’ l-identita numru 92497(M)

akkuzati talli fil-lejl ta’ bejn l-24 t’Awissu 2000 u l-25 t’Awissu 2000, ghall-habta tas-2.10 ta’ filghodu f’Ghajnsielem, Ghawdex, attakkaw jew ghamlu rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna nkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe’ kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija fosthom is-Surgent 369 Joe Mizzi, PC 242 Raymond Buttigieg, PC 877 Eddie Abela u PC 293 Carmel Tabone, filwaqt li kienu jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti ai termini tal-artikolu 96 tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

akkuzati wkoll talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi ngurjaw jew heddew, jew ghamlu offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku u cioe’ fuq diversi membri tal-Korp tal-Pulizija fosthom is-Surgent 369 Joe Mizzi, PC 242 Raymond Buttigieg, PC 877 Eddie Abela u PC 293 Carmel Tabone, waqt li kienu jaghmlu jew minhabba li kienu ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxu fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz ai termini tal-artikolu 95(1) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

akkuzati wkoll talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi fuq imsemmija hadu sehem b’parti attiva f’gemgha ta’ ghaxra min-nies jew aktar, migburin bil-hsieb li jaghmlu s-segwenti reati u cioe’:

a) ir-reat ta’ min jingurja, jhedded jew jaghmel offiza fuq il-persuna ta’ wiehed inkarigat skond il-ligi minn servizz pubbliku waqt li jkun jaghmel jew minhabba li jkun qed jaghmel dak is-servizz jew bil-hsieb li jbezzghu jew jinfluwixxu fuqu kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta’ dak is-servizz, u cioe’ kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija fosthom is-Surgent 369 Joe Mizzi, PC 242 Raymond Buttigieg, PC 877 Eddie Abela u PC 293 Carmel Tabone;

b) ir-reat ta’ min jattakka jew jaghmel rezistenza bi vjolenza jew b’hebb, ta’ xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika, kontra persuna inkarigata skond il-ligi minn servizz pubbliku filwaqt li tkun tagixxi ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta’ ordni moghti skond il-ligi mill-awtorita’ kompetenti, u cioe’ kontra diversi membri tal-Korp tal-Pulizija fosthom is-Surgent 369 Joe Mizzi, PC 242 Raymond Buttigieg, PC 877 Eddie Abela u PC 293 Carmel Tabone, liema reati fil-fatt saru, u dan ai termini tal-Artikoli 68(2), 68(3), 95, 96, tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

akkuzati wkoll talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi bil-lejl kisru l-mistrieh tan-nies bl-ghajjat ai termini tal-artikolu 338(m) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

akkuzati wkoll talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi qalu fil-pubbliku xi kliem oxxen jew indecenti, jew ghamlu atti jew gesti oxxeni, jew b'xi mod iehor li mhux provdut f'dan il-Kodici, offendew l-morali, l-imgieba xierqa jew id-decenza pubblika, ai termini tal-Artikolu 338 (bb) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

akkuzati wkoll talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi volontarjament kisru l-bon ordni jew il-kwiet pubbliku bl-ghajjat u bil-glied, ai termini tal-Artikoli 338(dd) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

akkuzati wkoll talli fl-istess hin, data, lok u cirkostanzi fuq imsemmija, taw istruzzjonijiet biex isiru id-delitti fuq imsemmija, jew xjentement ghenu jew assistew lill-awtur jew awturi ta' l-istess delitti fl-atti li bihom id-delitt ikun gie preparat jew ikkunsmat, jew xewwxu lil haddiehor inkella sahhu l-volonta' tieghu sabiex jaghmel id-delitti fuq citati, ai termini tal-Artikoli 42-47, 95, 96, 338(m), 338(bb) u 338(dd) tal-Kodici Kriminali tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat il-kunsens ta' l-Avukat Generali tat-13 ta' Novembru 2000 skond l-Artikolu 370(4) tal-Kodici Kriminali sabiex dan il-kaz ikun trattat bi procedura sommarja;

Semghet l-ammissjoni ta' l-imputati kif registrata fis-seduta tat-30 ta' Marzu 2001;

Fuq ammissjoni ssib lill-imputati hatja;

Wara li rat l-Artikoli 95, 96, 68 (2) u (3), 338 (m) (bb) (dd) u 42 – 47 tal-Kap 9;

Tillibera lill-imputati taht il-provvediment ta' l-Artikolu 9 tal-Kap 152 bil-kundizzjoni li ma jaghmlux rejat iehor sa zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti fehmet l-import ta' din is-sentenza u liberazzjoni lill-imputati.

(ft) Giovanni Grixti
Magistrat

(ft) Eva Buttigieg
Skrivana

Vera Kopja

Ghar-Registratur